**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 568/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Kasem Abdulla**
**Nedal Kanaan**

**Illum 6 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kasem Abdulla ta' 21 sena, u

Nedal Kanaan detentur tal-karta tal-identità numru 176758A;

Akkuzati talli:

1. Fid-29 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghaxijai [11.15pm] u/jew hinijiet wara, minn residenza numru 18 fi Triq Sant'Antnin, Hamrun, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' madwar €2400 u/jew oggetti ohra liema serq aggravat bil-mezz, hin, lok u valur li jeccedi €2329.37, ghad-detriment ta' Abd Alkarim Zidan u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi fi Triq Isuard, Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw lil Zaeid Zedan u Mamoun Zidan, mill-Marsa, feriti ta' natura hfief skont ma ccertifikaw Dr Josef Mifsud Reg 3271 u Dr Shahzad Arain Reg 3661 mill-isptar, liema feriti maghmulin b'arma bil-ponta u/jew oggetti ohra li jniggzu.

3. U aktar talli fl-istess cirkustanzi hebbew ghal Zaied Zedan, Mamoun Zidan, Abd Alkarim, Bashar Mohamad u/jew persuni ohra sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlilhom hsara.

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel lil Zaied Zedan, Mamoun Zidan, Abd Alkarim, Bashar Mohamad u/jew persuni ohra ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;

5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kisru volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

6. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi garrew u zammew sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju;

7. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamlu hsara bibien ta' barra u ghamar u/jew oggetti ohra tar-residenzi numru 18, Triq Sant'Antnin, il-Hamrun u 41, Triq Isuard, il-Marsa ghad-dannu ta' Abd Aalkarim, Bashar Mohamad u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix €2500 izda izjed minn €250;

8. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi minghajr ma darrbu jew sawwtu, heddew bil-gebel jew bi hwejjeg iebsien jew waddbuhom, jew qabdu armi kontra Zaied Zedan, Mamoun Zidan, Abd Alkarim u Bashar Mohamad.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Zaied Zedan, Mamoun Zidan, Abd Alkarim u Bashar Mohamad u tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata l-1 ta' Settembru 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-fedina penali tal-imputati mmarkati bhala Dok SZ1 u SZ2.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur irtira l-ewwel (1) akkuza stante li skont Abdi Al Karim Zidane, il-flus li gew irraportati misruqa gew misjuba f'post iehor fid-dar tieghu.

Rat li l-parte civile kollettivament iddikjaraw illi huma qeghdin jirrinunzjuaw ghal dak kollu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputati u ghalhekk il-Qorti ddikjarat procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u t-tmien (8) akkuza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:-**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-parte civile iddikjaraw li m'ghadx ghandhom interess f'dawn il-proceduri u li rrinunzjaw ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputati.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputati.

**Decide:-**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli indikati u cioè, Artikoli 217, 221[2], 325b, 338(dd), 339b, d, e, 64[1,2], 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u

Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda, ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-ewwel (1) akkuza stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, ma ssibx lill-imputati hatja tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u t-tmien (8) imputazzjoni stante li gew irtirati mill-kwerelanti, ssib lill-imputati hatja tal-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) akkuza fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka taghhom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputati b'dan li ma jaghmlu l-ebda reat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tal-imputati b'garanzija personali milli javvicinaw jew ikellmu lil Zaied Zedan, Mamoun Zidan, Abd Alkarim u Bashar Mohamad ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' elf ewro (€1000) kull wiehed.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**